**X'irrid inkun naf biex nipprepara ruħi għall-eżami ta' Nofs is-Sena**

## ▶ GRAMMATIKA:

1. l-Alfabett Malti (l-ordni tal-alfabett, il-konsonanti u l-vokali) — il-konsonanti xemxin u qamrin, sħaħ u dgħajfin, rotob u qawwija, likwidi — il-vokali tal-leħen u l-vokali tal-kelma (morfoloġika);
2. l-assimilazzjoni tal-konsonanti;
3. l-artiklu — il-vokali tal-kelma u l-voali tal-leħen;
4. il-Verb, il-Mamma u l-Għerq — it-tipi ta' verbi (Trilitteru Sħiħ u Kwadrilitteru).

## ▶ QWIEL/IDJOMI:

Il-Qwiel li saru fil-klassi.

## ▶ POEŻIJI:

— **San Franġisk u l-Gamiem** ta' **Ġużè Delia**
— **Il-Ħolma t'Alla** ta' **Anton Buttigieg**
— **Tifħira lil Malta** ta' **Ġan Anton Vassallo**
— **Il-Bikja tal-Buskett** ta' **Oliver Friggieri**

Huwa importanti li tkun taf min kiteb dawn il-poeżiji, x'messaġġ ried iwassal il-poeta (il-ħsieb), id-daqs tal-istrofi u l-versi u l-ismijiet tagħhom, ir-rima li jħaddem il-poeta u xi termini letterarji (ara *handout*). Tajjeb li tkun taf xi tfisser kull kelma li fiha l-poeżija.

## ▶ PROŻA: **ZITO ZANDARELL:**

**Kapitlu 1 sa 8:** Huwa importanti li tkun taf l-istorja kollha ta' Zito, l-ewwel laqgħa tiegħu ma' Stefan u Melissa, il-poteri jew l-għeġubijiet li wera u l-karattri ewlenin bħal Salvina, Hector Brincat, Rocky Rospo, is-Sur Vassallo u bintu Katya u l-familja Debono.

## ▶ KITBA KREATTIVA:

inkun kapaċi nikteb ittra informali/formali ta' madwar 60 kelma.
inkun kapaċi nikteb ġrajja narrattiva (storja) ta' madwar 60 kelma.

**Komponiment ta' madwar 150 kelma...** huwa importanti li tevita kemm tista' l-iżbalji peress li dawn itellfu ħafna marki. Importanti li tikteb pjan tal-kitba tiegħek fuq l-istess karta.